MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Numru. 1031/2006

**Il-Pulizija**

**Assisent Kummisarju Carmelo Magri**

**VS**

**John Mary Cachia, iben Carmelo u Carmela nee' Coleiro, imwieled Ghaxaq nhar il-25 ta' Novembru, 1961, residenti fil-fond numru 26, Triq il-Palma, Gudja, detentur tal-karta tal-identita' numru 752761M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **John Mary Cachia** li gie akkuzat talli:

Nhar l-1 ta’ Lulju, 2006 u fis-snin ta’ qabel din id-data, xjenetement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati taghhom; kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat anke li gie ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat ix-xhieda kollha proposta u ghamlet succint tal-punti saljenti tal-istess.

**L-Ispettur Carmelo Magri** (Spettur dak iz-zmien), xehed illi fuq rapport ta’ serqa minn go garaxx bl-isem “McFix” li kien jinstab gewwa Sqaq Sannat, il-Marsa, kienet saret Inkjesta Magisterjali. Qal illi kien gie avvicinat minn certu Reginald Cini fis-sena 2003, Novembru, fejn kien qallu li kien gharaf bicca ghodda li kienet go hanut gewwa Hal Luqa f’Hal Farrug. Qal illi n-nies tieghu marru ghamlu tfittxija gol-imsemmi garaxx, minn fejn gie elevat drill tal-marka Makita, illi kellu c-*chuck* mibdul.

Qal illi Reginald Cini gharaf dan id-drill. Kellem anke lill-importatur ta’ din l-ghodda - certu Etienne Ciantar, illi kkonfermalu li dak kellu c-chuck mibdul. Qal illi dan Grima tah anke l-specifications ta’ dak it-tip tad-driller, Dok CM.

Ezebixxa wkoll zewg stqarrijiet tal-imputat, Dok CM1 u Dok CM2, b’zewg verzjonijiet differenti ghala dan id-driller kien fil-pussess tieghu. Dawn l-istqarrijiet huma mehuda fi zmien ta’ tlitt (3) gimghat spazju bejn xulxin.

**PS 959 Wistin Micallef** ghalhekk ikkonferma li fuq struzzjoni moghtija mill-Ispettur Carmelo Magri, hu acceda ghand l-imputat u kellmuh fuq drill tal-marka Makita. Xehed illi ghall-ewwel dan innega li ghandu xi tip ta’ din l-ghodda, pero jghid illi ftit wara sabu fuq il-bank dan it-tip ta’ drill illi ghalih kienu qed jaghmlu referenza. Ikkonferma li hu kellem lill-agent dwar dan –

Etienne Ciantar, li qallu li dan id-drill ma kinx johrog hekk mill-factory, kif ukoll illi kien prezenti ghal wahda mill-istqarrijiet tal-imputat ta’ Lulju, 2006.

**Il-Maggur Anthony Lia** minn naha tieghu xehed illi kien mar fuq rapport ta’ sgass minn gharaxx “McFix”. Hemm sab lil Reginald Cini, innota li l-bieb ta’ barra tal-fond kien sgassat. Ircieva r-rapport minghand dan Cini li kienu nsterqulu ammont kbir ta’ ghodda. Ezebixxa l-PIRS report bhala Dok AL.

Gie ezebit ukoll ghalhekk il-Proces Verbal tas-serqa in kwistjoni.

**Reginald Cini**, id-derubat, xehed illi kien gie mgharraf illi kien gie derubat mill-garaxx u sab l-ghodda tal-idejn nieqsa. L-ammont ta’ dawn skondtu kien tliet elef u erba’ mitt Lira Maltin (Lm3,400.00).

Zied illi aktar tard kien gie mgharraf minn terz, wara sentejn, illi kien ra bicca ghodda minn tieghu. Ghalhekk xehed illi hu ma’ habib tieghu acceda fuq il-fond lilu ndikat, bi skuza li kien sejjer jirranga bozza. Jghid illi hemm sab lill-proprjetarju ndikat minnu bhala l-imputat. Qal illi hu kellem lil xi hadd jigi minnu, li fil-fehma tieghu deher imbezza’, talabhom l-ghodda kollha.

Qal illi mbaghad, wara li staqsa l-istess mistoqsija lill-imputat, dan beda b’hafna dagha, ghajjat, u storbju. Kien skont Cini ndikalu li d-drilll kien tieghu u li kellu c-chuck differenti, mibdul. Qal illi l-ghodda hu kien gabha mieghu mill-Awstralja, u kien inxurjaha ghal tliet elef Dollaru Amerikan ($3,000).

Zied ukoll illi dan id-driller meta kien ghandu kellu serial number imwahhal fil-genb, u li kont trid taqilghu biex jinqala’.

**PS 36 Sergio Azzopardi** gharaf ir-relazzjoni li hu fil-kors tal-Inkjesta rrediga ma’ **PC 186**; u minn naha tieghu l-**Ispettur Carlo Ellul** ikkonferma r-rapport tieghu lill-Magistrat Inkwirenti.

**PS 959 Wistin Micallef** ukoll xehed dwar it-tfittxija li saret fil-garaxx tal-imputat. Ikkonferma wkoll illi l-imputat fil-bidu wiegeb illi ma kellux drill tal-marka Makita, pero wara sabu wiehed fuq il-mejda, wiehed rechargeable fejn irrizulta li dan kellu c-chuck mibdul. Anke dan gharaf il-firma ta’ John Mary Cachia wara li dan fiz-zewg okkazjonijiet tal-istqarrija, inghata d-debita twissija.

Ingab jixhed mill-Prosekuzzjoni **Naser Behag**. Fir-rigward ta’ dan ghandu jigi precizat illi l-Ispettur kien talab illi kien ghalih xhud ostili u ghalhekk ezebixxa, ghall-fini ta’ kontroll, l-istqarrija ta’ dan, bhala Dok CM.

Dan Behag gie moghti d-debita twissija minn din il-Qorti, ghazel illi jixhed. Ikkonferma li l-akkuzat ghal xi zmien kien l-imghallem tieghu, u li kien jahdem mieghu fil-garaxx, jahdem bhala electrician.

Dwar id-driller misjub xehed illi kellhom bzonn driller bil-battery. Hu kien sab wiehed fil-vann li jbiegh l-spare parts u xtrah minghandu. Qal illi dan kien ilu xi seba’ (7) snin. Ikkonferma viva voce li hu kien xtrah minghand wiehed jghidulu z-Ziga, mill-Kalkara jew minn Bormla. Qal illi baqghu jahdmu b’dan id-driller u li kien hallieh warajh. Ezebita l-istqarrija, biss ghall-kontroll, ikkonferma li kien xtara din l-ghodda minghand certu Rodney Vella, ghalih l-istess wiehed, cioe’ z-Ziga.

Qal illi dan Rodney Vella kien bieghulu gdid, fil-kaxxa.

Nesa jekk kinx xtrah bla charger.

Muri dan id-drill elevat minghand l-imputat, wiegeb illi kien ilu seba’ (7) snin li xtrah, u hamsa (5) ma jersaq lejn il-garaxx.

Ikkonferma li kien xtrah hu, u li kien hallieh fil-garaxx tal-imputat meta waqaf jahdem hemm. Qal illi hu l-ghodda kollha kien ihalli hemm, tkellem anke fuq kaxxa sockets illi kien halla hemm ghaliex kien imur gieli jahdem hemm, gol-garaxx tal-imputat.

Minn naha tieghu dan **Rodney Vella**, ikkonferma li kien jaf lill-imputat biss ghax kellu karozza Volvo, kien biddlilha l-magna u kellu bzonn electrician. Qal illi kien hadu ghandu certu Naser. Innega li hu qatt ta xi haga lil Naser jew hu ta xi haga lilu. Innega li hu qatt ra d-drill muri lilu, hlief fl-ufficju tal-Ispettur.

Sar bejn **Behag u Vella konfront**. Minn naha tieghu hawn Rodney Vella baqa’ nsistenti li hu qatt ma kien ra d-drill qabel. Behag baqa’ jinsisti li darba kellu wiehed bhalu li kien halla warajh fil-garaxx, u li kien bieghulu Rodney. Qal illi nesa kemm kien xtrah. Vella, nonostante li kien qieghed jisma’ dan, baqa’ nsistenti li qatt ma kien ra dan id-drill b’ghajnejh. Baqa’ jinsisti li hu kien jaf b’dan Behag ghaliex kien darba biddillu l-magna tal-karozza.

Kif gia’ gie premess gew ezebiti zewg stqarrijiet tal-imputat.

Fl-ewwel stqarrija qal illi kien xtara d-drill misjub ghandu xi tminn (8) snin qabel minghand l-agent tal-Makita. Qal illi ghalih kien hallas hamsin lira Maltin (Lm50.00) jew sittin lira Maltin (Lm60.00). Innega li kien biddillu c-chuck. Qal ukoll illi kien gie avvicinat minn ragel illi nsista li d-drill kien tieghu, u anke talbu l-ghodda l-ohra. Qal illi haseb illi dan ir-ragel kien hadu ghandu iehor tat-taxi ghaliex kien kixef lil dan tat-taxi talli ghamel fuq vettura ta’ klijent tieghu, allura skondtu biex ipattihielu.

Innega li hu kien involut f’serqa. Innega li dan id-drill kien xtrah mill-idejn, anzi baqa’ nsistenti li kien xtrah minghand l-agent.

Fit-tieni stqarrija issa kkonferma li d-drill kellu c-chuck mibdul u li kien gie ghandu hekk. Ried jibdel kollox minn dak li qal fl-ewwel stqarrija. Issa qal illi kellu mieghu fil-garaxx Gharbi bl-isem ta’ Naser, illi kien ihaddmu mieghu bhala mechanic. Id-drill skondtu kien gabu dan. Zied illi ma kinx semma’ lil dan qabel ghax beza’ minn xi vendikazzjoni. Qal illi kien jaf illi dan Naser kellu problemi ta’ droga u li anke kien il-Habs.

Innega li kien jaf li d-drill kien misruq.

Ma kinx jaf jirrispondi ghala gideb fl-ewwel verzjoni.

Meta gie rinfaccat bil-fatt illi d-drill kien misruq, baqa’ nsistenti li din l-ghodda kienet ilha ghandu mas-sitta (6) jew seba’(7) snin.

Viva voce **l-imputat** illi ghazel illi jixhed, ikkonferma li kien electrician tal-karozzi. Dwar il-provenjenza tad-drill, qal illi dak ma kinx tieghu, imma ta’ certu Nasesr illi fiz-zmien kien jaghmel xoghol ta’ mechanic fil-garaxx. Ikkonferma li hu gieli halla hemm xi ghodda – id-driller u kaxxa tas-sockets.

Ikkonferma li marru jkellmuh tnejn li baqa’ jghidilhom illi dak ma kinx tieghu. Ikkonferma kif gia’ ntqal fl-statement, illi hu kien ta lill-Ispettur zewg verzjonijiet differenti, biss ghax irritjena li kien jibza’ minn xi vendikazzjoni.

Qal illi hu meta telaq Naser u halla d-drill warajh, ma talbux imur ghalih ghax kienu ggieldu. Ikkonferma wkoll illi Behag lil Vella gol-garaxx kien wahhallu magna fuq vettura Volvo.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, din il-Qorti ghaddiet biex tisma’ t-trattazzjoniijet u kkonsidrat is-segwenti.

Illi certament u bla dubbju l-imputat kien instab fil-pussess tad-driller misruq, seba' (7) snin minn wara s-serqa tal-istess. Dan id-driller gia' kien maghruf minn sidu Reginald Cini. Jirrizulta wkoll illi l-imputat fl-istqarrijiet, tnejn, ta zewg verzjonijiet differenti – dan anke kkonfermah viva voce. Insista li l-vera verzjoni kienet dik illi dak id-driller kien gabu Naser Behag. Dam fil-verita' jahsibha xi gimaghtejn biex jaghti a tempo vergine din il-verzjoni.

**Behag** minn naha l-ohra kkonferma dak illi qal l-imputat - illi kien hu li kien xtara u halla warajh fil-garaxx tal-imputat id-driller in kwistjoni. Ghalkemm hu xehed u nsista anke fil-konfront ma' Vella illi kien xtara dan minghandu, Vella baqa' neganti ta' dan.

Issa l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li bih hu akkuzat John Mary Cachia, jghid:

"*334. Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa;*

*(b) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi, bilpiena li hemm għal min hekk jakkwista jew iżomm;*

*(ċ) jekk tkun ġejja minn frodi, bil-pieni li hemm għal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-ħaġa tkun ġejja:*

*Iżda il-ħati ta' wieħed mid-delitti msemmijin f'dan lartikolu jiġi meħlus mill-piena, kemm-il darba, qabel xejn ma tibda titmexxa ebda proċedura kriminali kontra tiegħu u fi żmien tlitt ijiem minn dak in-nhar li jkun laqa' għandu, xtara jew indaħal fixxiri, fil-bejgħ jew fit-tmexxija tal-ħaġa bħal ma jingħad hawn fuq, jagħti f'idejn l-awtorità kompetenti l-ħwejjeġ milqugħa, mixtrija, mibjugħa, jew li jkun mexxa, u jikxef l-awturi tar-reat:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan l-artikolu dik il-ħaġa għandha titqies biss li tkun insterqet, ittieħdet b'qerq, jew ġiet akkwistata b'reat li jkun sar barra minn Malta jekk tkun inkisbet b'xi att ta' kommissjoni jew omissjoni li, kieku sar f 'Malta, kien jikkostitwixxi wieħed mir-reati msemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (ċ).*"

Isegwi allura, illi dan ir-reat biex jissusti jrid ix-xjenza tal-provenjenza minn serq (f'dan il-kaz) tal-oggett mertu tal-istess reat.

Illi certament Behag ikkorabora l-verzjoni tal-imputat li kien hu li kien xtara id-driller u mhux l-imputat innifsu.

Anke jekk l-istess reat jitkellem dwar min "*jilqa' ghandu*", u certament l-imputat laqa' ghandu u zamm din l-ghodda ghal seba' (7) snin, xorta manca l-element tal-provenjenza tas-serq, almenu dan mill-atti ma jirrizultax.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet premessi, tillebera lil John Mary Cachia mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------